MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 1307/2007/1

**Carmel sive Charles Grech**

**v.**

**Philip Degiorgio u Marthese Degiorgio mart l-istess Philip Degiorgio ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Carmel sive Charles Grech minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2007 u li jaqra hekk:

> "1. Illi r-rikorrent huwa kreditur ta' l-intimati fis-somma ta' sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) valur ta' kambjala datata t-tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (30/01/2001), iffirmata u accettata mill-konvenut Philip Degorgio zewg l-intimata Marthese Degorgio ko-partecipi mieghu fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom, skaduta pero` mhux onorata (Dok A).

> "2. Illi r-rikorrenti interpella inutilment lill-intimat Philip Degorgio b'ittra ufficjali tat-tmienja u ghoxrin ta' Dicembru 2005 (28/12/2005) debitament notifikata fl-ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (20/01/2006) (Dok B).

> "Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

"1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' Lm16,000 valur ta' kambjala datata t-30 ta' Jannar 2001 iffirmata u accettata mill-intimat Philip Degorgio zewg l-intimata Marthese Degorgio ko-partecipi mieghu fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Degorgio, liema kambjala hija skaduta pero` mhux onorata.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru 2005, tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors, u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar 2001 data ta' skadenza ta' l-istess kambjala, kontra l-intimati li gew ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament:

"a. It-talba tar-rikorrenti hija preskritta a tenur ta' l-artikoli 218 u 219 (c) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kull kaz a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"b. Il-kambjala hija nulla minhabba nuqqas ta' forma ghaliex mhijiex iffirmata u accettata minn Marthese Degiorgio u l-hin u l-lok tal-pagament huma neqsin mill-istess kambjala;

"c. L-esekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni giet sospiza minn dina l-Qorti diversament preseduta fid-Digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2007 fir-rikors numru 72/06AF fl-ismijiet "**Carmel sive Charles Grech vs Philip Degorgio**" u dana minhabba li l-Qorti ikkonkludiet "li jezistu f'dan il-kaz cirkostanzi gravi bizzejjed biex jimmeritaw studju ulterjuri fi proceduri *ad hoc*…." Kopja ta' l-istess Digriet gie prezentat mar-risposta bhala dokument PDG1 u l-intimat ghamel referenza ghall-atti kollha ta' l-istess Digriet u talab formalment illi l-istess atti ghandhom jigu allegati mal-prezenti procedura u dana a skans ta' ripetizzjoni inutili u ghal ahjar andament tal-gustizzja.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mir-rikorrenti Grech mhuwiex dovut u qatt ma jista’ jkun dovut ghaliex huwa qatt ma ffirma l-kambjala datata t-30 ta’ Jannar 2001 fl-import ta’ sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) kif allegat, ghaliex:

“a. Ghall-habta ta’ Gunju 1997 huwa kien iffirma kambjala ma’ Carmel Grech fl-ammont ta’ sebat elef lira Maltjia (Lm7,000) li gie misluf lilu;

“b. Xi zmien wara Grech qallu li kien tilef il-kambjala in kwistjoni u kien ipprezentalu kambjala ohra gdida ‘in bjank’ sabiex jiffirmaha (Degorgio) u b’hekk tigi sostitwita ghall-kambjala l-mitlufa. Huwa ffirma dina l-kambjala kif mitlub u minghajr ma intelgha fil-prezenza tieghu xi dettal iehor;

“c. Jidher illi, minflok, din il-kambjala imtliet mir-rikorrenti Grech – jew haddiehor ghalih – bil-mod li jirrizulta mill-kambjala annessa mal-proceduri odjerni bhala Dokument A;

“d. L-ammont ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7,000) fuq imsemmija thallas lura lill-imsemmi Grech permezz ta’ sbatax-il cekk u dana kif jirrizulta mid-dokumenti A1-17 li kopja taghhom giet esebita mal-atti tad-Digriet fuq imsemmi 72/06AF u li ghalihom saret referenza f’dan ir-rikors;

“e. Oltre dan l-ammont ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7,000) l-intimat hallas ukoll lil Grech ammont addizzjonali ta’ tmenin lira Maltin (Lm80) kif ukoll tmintax-il elf lira Maltija (Lm18,000) li thallsu ‘*in cash*’ permezz ta’ pagamenti mensili ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500)-il wiehed matul perjodu ta’ tliet snin. Dawn il-pagamenti addizzjonali kien gew reklamati mir-rikorrenti Grech bhala “imghaxijiet” u l-intimat irriserva d-drittjiet kollha tieghu kontra Grech ghar-rifuzjoni ta’ dawn il-pagamenti u dana oltre d-drittijiet kollha tieghu skond il-ligi sabiex jiehu l-proceduri kollha relattivi f’dan ir-rigward minhabba l-uzurja!

“3. Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

> “4. Salv argumenti u sottomissjonijiet ulterjuri li l-intimati irriservaw li jgibu fi stadju ulterjuri ta’ dawn il-proceduri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Gunju 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza b’dan il-mod:

> “Ghalhekk il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni li dwar l-intimata t-talba hija preskritta, izda mhux preskritta fil-konfront ta’ l-intimat (ara “D2” hawn fuq).
>
> “Kif inghad hawn fuq taht “D3” ma hemmx nullita` tal-kambjala.
>
> “Illi d-digriet tas-27 ta’ Novembru 2007 min-natura tieghu huwa wiehed provizorju.
>
> “Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta’ Lm9,000 ossija €20,964.
>
> “Dwar l-imghaxijiet legali, minhabba li l-ammont ma kienx likwidat, dawn jiddekorru mil-lum (ara sentenza tal-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** [448/87FS] tas-17 ta’ Marzu 2010).
>
> “Spejjez kontra l-intimat, hlief dawk relattivi ghall-intimata li huma a karigu tar-rikorrent.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **“C. PROVI:**

"Xehed Carmel Grech u semma li ilu jaf lill-intimat ghal xi ghoxrin sena u li diversi drabi kien silef flus lill-intimat. Darba minnhom staqsieh ghal Lm16,000 ghal zmien qasir u wara li silfu u ghaddew xahrejn l-intimat irrispondieh li ma kellux biex jirrifondihomlu lura. Semma li kienet giet iffirmata kambjala dakinhar stess tas-self, u dan is-self sar f'xi 1996. Il-kambjala pero` hija ta' 2001. L-intimat dejjem iffirma wahdu. Zied li l-kambjala in kwistjoni giet iffirmata b'mod regolari u mhux veru li giet imqatta' u sostitwita.

"Xehed Philip Degiorgio u semma li l-indirizz regolari tieghu huwa 72, Triq il-Kbira, Sliema ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, izda fuq il-kambjala hemm imnizzel 7, Dingli Street, u li dik l-istess kambjala giet miktuba minn Charles Grech. Cahad li qatt kellu x'jaqsam mal-fond 7, Dingli Street, Sliema. Kien issellef minghand Grech fl-1996, 1997 u anke xi 20 sena qabel, izda qatt ma sselef wara l-1997, izda fl-1997 meta ssellef Lm7,000 il-kamjala giet iffirmata minnu u mill-mara tieghu. Kien daqqa jhallas b'cekk u daqqa *cash*. Gieli ma talabx ricevuta izda kien inizzilha. Generalment il-flus kienu bl-imghax ta' 8%. Fl-1997 kien mar bniedem ibiddel il-kambjala. Cahad li qatt ha s-Lm16,000.

"Xehdet Marthese Degiorgio li ikkonfermat li hi qatt ma hadet proceduri kontra Charles Grech meta saret taf bil-kawza.

**"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

**"*D1 Fatti tal-kaz:***

"Ghalhekk irrizulta li l-intimat Philip Degiorgio kien iffirma l-kambjala esebita mar-rikors promotur, pero` l-intimata l-ohra martu Marthese Degiorgio ma kenitx iffirmat il-kambjala in kwistjoni. Filwaqt li r-rikorrenti jallega li l-kambjala in kwistjoni tikkostitwixxi kreditu gdid, l-intimati jghidu li dina l-kambjala kienet giet iffirmata in sostituzzjoni ta' wahda precedenti li allegatament intilfet/giet distrutta. Ir-rikorrenti qed jitlob kundanna ta' l-intimati ghal Lm16,000 import ta' kambjala tat-30/01/01 iffirmata u accettata mill-intimat Philip Degiorgio. Irrizulta li r-rikorrent kien *money lender* u silef flus lill-intimat aktar minn darba.

**"*D2 Preskrizzjoni:***

"L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati hija l-preskrizzjoni.

"Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kambjarja hija regolata mill-Kodici tal-Kummerc (ara **Orlando Crescimano vs Mirabita**, Vol X p 780) u taqgha perenta bid-dekors ta' hames snin mid-data tal-maturita` taghha (ara **Barbara vs Ciantar**, Kummerc, 8 ta' Awissu 1876, Vol VII p 606; u **Galea vs Gabriele**, Appell 26 ta' Marzu 1915, Vol XXII – I- p 364). L-azzjoni kontra d-debitur tista' tigi ezercitata fi kwalunkwe zmien sakemm l-azzjoni kambjarja tiskadi (ara **Dr. Vella vs Hon. Darmanin**, Kummerc, 28 ta' Novembru 1899, Vol XVII -III- p 47).

"Fil-kaz ta' l-intimata jirrizulta b'mod car li l-ewwel darba li Marthese Degiorgio giet notifikata fuq dan is-suggett kien bil-proceduri odjerni u cioe` sewwa wara li iddekorrew il-hames (5) snin. Ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta fir-rigward taghha.

"Dwar l-intimat Philip Degiorgio, jirrizulta mill-kopja tal-kambjala a fol 40 tal-process li d-data tal-kambjala hija 30 ta' Jannar 2001 u infatti pagament dovut, skadenza tal-kambjala, huwa xahar wara u cioe` 28 ta' Frar 2001. Irrizulta li l-ittra ufficjali *ai termini* ta' l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 giet prezentata fit-28 ta' Dicembru 2005 u notifikata lill-intimat fl-20 ta' Jannar 2006, u ghalhekk qabel l-eghluq tal-hames snin mill-maturita` tal-kambjala. Dan iwassal biex jinghad li l-hames snin rikjesti ghall-preskrizzjoni ma iddekorrewx.

"***D3 Nullita` tal-kambjala:***

"Sekondarjament gie eccepit li l-kambjala hija nulla minhabba nuqqas ta' forma ghax mhix iffirmata u accettata minn Marthese Degiorgio u l-hin u l-lok tal-pagament huma neqsin mill-istess kambjala.

"L-artikolu 123 tal-Kap 13 jittratta l-forma ta' kambjala u jghid hekk:

> ""Il-kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tigi migbuda, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta' dak li ghandu jhallas, u l-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas u l-valur moghti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha."

“L-indirizz ta’ 7, Dingli Street Sliema, kif xehed l-intimat, ma ghandu ebda konnessjoni mieghu, u fil-fatt il-kopja ta’ l-ittra ufficjali ezebita mir-rikorrenti stess turi notifika negattiva fl-ewwel attentat proprju minhabba dan l-indirizz zbaljat, izda din il-Qorti ma thossx li l-indirizz zbaljat huwa wiehed li jattakka l-validita` ta’ l-istess kambjala. Il-Qorti ma thossx li dan huwa wiehed mir-rekwiziti essenjali ta’ kambjala (ara l-kawza fl-ismijiet **Mid-Med Bank Ltd vs Silvio Gruppetta et**, Appell Inferjuri, 18 ta’ Frar 2000).

“Kif sewwa issottometta r-rikorrent, a fol 52 paragrafu 7:

> ““Illi l-fatt li l-hin u l-lok tal-pagament jistghu jkunu neqsin mill-kambjala in kwistjoni ma jwassalx ghan-nullita` ta’ l-istess kambjala meta jkun hemm indikazzjonijiet ohra li jwasslu lill-esponent sabiex ikun jista’ jottjeni l-pagament (ara "**Annunziato sive Lonzu Mifsud -vs- Angelo Xuereb nomine**", Appell, 5 ta’ Ottubru 2001). Dan zgur ma japplikax fil-kaz in ezami billi anki l-karta ta’ l-identita` numru 1099347(M) li huwa proprjament dak ta’ l-intimat u l-indirizz 7, Dingli Street, Sliema li huwa l-istess indirizz li huwa forna lill-esponent meta rcieva l-flus u l-esponent kien qed jimla l-kambjala fil-prezenza tieghu, hemm imnizzel fuq il-kambjala. Dan jaqbel ma’ dak l-insenjament tal-Professur Carlo fl-appunti tieghu dwar "*Le Cambiali nel Diritto Maltese*" (pag. 96) u cioe` li: “*se manca l’indicazione del luogo di pagamenti, non si puo dire che la cambiale sia nulla, perche` vi suppliscono altre indicazioni*”.

“Dwar l-aspett sollevat mill-intimati li ma hemmx il-firma ta’ l-intimata, jidher car li l-intimata Marthese Degiorgio iddahhlet fil-kawza ghal kull interess li jista’ jkollha u dana peress illi hija mart l-intimat u kompartecipi mieghu fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom. Il-firma ta' mart l-intimat ma kenitx bzonjuza peress illi Philip Degiorgio kien issellef il-flus minghand ir-rikorrent ghan-negozju tieghu u ffiirma l-kambjala li kien att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc jew negozju li kien jiggestixxih wahdu minghajr l-ghajnuna ta’ martu (Kap 16 art 1324).

“Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

**“*<u>D4. Digriet tas-27 ta’ Novembru 2007:</u>***

“It-tielet eccezzjoni ta’ l-intimati hija li l-ezekuzzjoni tal-kambjala giet sospiza minn din il-Qorti diversament presjeduta b’digriet 72/06, minhabba li jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed li jimmeritaw studji fi proceduri *ad hoc*. Jinghad li dan l-istudju approfondit sar fil-kaz in ezami u ghalhekk ma jistax ikun li dak sottomess taht “1c” jitqies bhala eccezzjoni valida.

**“*<u>D5. Mertu tal-kaz:</u>***

“L-intimat issottometta li hu kien iffirma kambjala ghal Lm7,000 ghall-habta ta’ Gunju 1997 u xi zmien wara Carmel Grech kien qallu li tilef il-kambjala in kwistjoni u ipprezentalu ohra in bjank biex jiffirmaha biex tissostitwixxi l-kambjala mitlufa. Fir-risposta guramentata ta’ l-intimat (fol 15) hu stqarr li ffirma din il-kambjala kif mitlub u minghajr ma mtela fil-prezenza tieghu xi dettal iehor. Hu sostna li l-ammont ta’ Lm7,000 thallas lura lir-rikorrenti permezz ta’ 17-il cekk kif jirrizulta mid-dokumenti A1 sa A17 li kopja taghhom giet esebita mal-atti tad-digriet 72/06AF. Sostna wkoll li hallas Lm18,000 permezz ta’ pagamenti mensili ta’ Lm500.

“Izda l-intimat sostna li bilfors li r-rikorrent immanifattura l-kambjala *de quo* proprju sabiex jistabbilixxi xi tip ta’ titolu legali ghal pretensjonijiet ‘uzurarji’ tieghu u ghalhekk tali titolu ghandu jigi ghal kollox injorat u skartat ghaliex “meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obligazzjoni hija inezistenti” - *vide* **Satvatore sive Sammy Murgo vs Henry P. Cole** - Vol LXXXIV - 2000 - Pt 11 sez 1 (pt1).

“Jinghad li l-intimat ta zewg verzjonijiet differenti dwar x’wassal ghall-iffirmar tal-kambjala ta’ Lm16,000. Fil- proceduri ghas-sospensjoni tal-kambjala permezz tar-Rikors 72/2006AF deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Novembru 2007 l-intimat xehed li r-rikorrent kien avvicinah fir-*restaurant* tieghu u talbu jiffirmalu l-kambjala biex tissosstitwixxi dik (ta’ Lm7,000) li huh kien **<u>qattaghlu</u>**, waqt li fir-risposta guramentata l-intimat qal li “xi zmien wara Grech qallu li kien **<u>tilef</u>** il-kambjala u kien ipprezentalu kambjala ohra gdida in bjank sabiex jiffirmaha u b’hekk tigi sostitwita ghall-kambjala l-mitlufa”.

“Kif sollevat mir-rikorrenti fin-nota tieghu:

> ""Illi ghandu jinghad ukoll illi fuq tema legali f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunke obbligazzjoni li setghet ipprecedietha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjoni emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara "**Charles Pool -vs- Carmelo Mercieca**", PA/RCP, 29 ta' Mejju 2003; u "**Portelli -vs- Sullivan**", Kummerc/JMB, 17 ta' Ottubru 1989). U l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc infatti necessarjament jimplika li eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn negozju li taha lok ghall-hrug tal-kambjala imma li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati. Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali, azzjoni li l-intimati qatt ma istitwew."

"Abbazi ta' dak li ntqal fuq ma jistghux jigu milqugha l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimat.

"Dwar it-talbiet tar-rikorrent, hu qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm16,000 valur tal-kambjala datata 30 ta' Jannar 2001, liema kambjala hija skaduta izda mhux onorata. F'dan l-istadju ta min jghid li l-Qorti ghandha l-obbligu li biex twassal ghal gustizzja vera timxi fuq il-konvinciment morali u apprezzament tal-fatti in ezami. Ghalkemm il-Qorti thoss li l-kambjala prezentata hija wahda valida, xorta wahda l-intimat ghamel pagamenti ta' Lm7,000 akkont, izda ghad ghandu bilanc ta' Lm9,000 xi jhallas. Naturalment hafna minn dan jiddependi mill-konvinciment u apprezzament tal-fatti tal-Gudikant li jista' jaghzel li jemmen li l-pagamenti bic-cekkijiet ghal Lm7,000 jirreferu ghal xi haga ohra u li ghalhekk ghad fadal bilanc ta' Lm16,000, u jista' jaghzel li jasal ghall-konkluzjoni li kollox imhallas permezz ta' pagamenti *cash* li saru, skond dak li jghid l-intimat. Wara li gharblet fit-tul u qieset il-komportament tal-partijiet il-Qorti thoss li ghad hemm dovuti Lm9,000."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li prevja l-konferma tas-sentenza tal-prim istanza fil-konfront ta' Marthese Degiorgio, din il-Qorti joghgobha:

> "… … thassar u tirrevoka l-istess sentenza tat-8 ta' Gunju 2010 moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fil-konfront tal-intimat appellant Philip Degiorgio li ghandu jigi liberat mit-talbiet kollha tar-rikorrenti appellat, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat u b'riserva ghal kull azzjoni kontra tieghu minhabba l-uzurja."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … tichad l-appell principali tal-konvenuti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom, u tilqa' dan l-appell incidentali u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma inkwantu kkundannat lill-konvenuti appellanti jhallsu s-somma ta' €20,964 (Lm20,000) bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza, bl-ispejjez kontra l-appellant hlief dawk relattivi ghall-intimata appellanti li huma a karigu tal-esponent appellat, thassarha u tirrevokha ghall-kumplament hlief ghal dawk relattivi ghall-ispejjez tal-prim istanza tal-konvenuta, u tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas is-somma ta' €37,269.97c (Lm16,000) bl-imghaxijiet mit-28 ta' Frar 2001 kontra l-istess konvenut appellant.
>
> "Bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuti appellanti."

Rat ir-risposta tal-konvenuti ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "… … tichad l-Appell Incidentali tal-attur appellant bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi – inkluz tal-Appell Incidentali – kontra tieghu."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta' sebgha u tletin elf, mitejn, disgha u sittin Euro u sebgha u disghin centezmi (€37,269.97) (ekwivalenti ta' sittax-il elf Lira Maltin [Lm16,000]) rappresentant import ta' kambjala mahruga fit-30 ta' Jannar 2001. Il-konvenut, apparti eccezzjonijiet ta' natura preliminari, eccepixxa li dik il-kambjala hija falza, ghax id-dejn kien ta' sittax-il elf, tliet mija u hames Euro u wiehed u sittin centezmi (€16,305.61) (ekwivalenti ta' sebat elef Lira Maltin [Lm7,000]) li hu hallas. Hu jaqbel li kien iffirma l-kambjala ghal sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), izda l-attur kien qallu li tilef il-kambjala u ffirma ohra in bjank, li wara l-attur mela bis-somma ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000). Il-konvenut jghid li din tirraprezenta hlas tas-somma mislufa lilu piu` uzura, u ma ghandu jaghti xejn lill-attur ghax is-sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) li ssellef gew kollha rifusi lura.

L-ewwel Qorti qieset il-kambjala ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) valida, izda peress li l-konvenut hallas sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), ikkundannatu jhallas biss disat elef Lira Maltin (Lm9,000).

Mis-sentenza appellaw iz-zewg partijiet: il-konvenut principalment biex jargumenta li ma ghandu jhallas xejn lill-attur, u dan tal-ahhar incidentalment ghax jghid li l-kambjala ghal sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) tirraprezenta dejn gdid u separat mis-sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) u li allura jrid li jithallas lura s-somma kollha.

Trattat l-appell din il-Qorti tosserva li sa fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-konvenuta Marthese Degiorgio minn kull responsabbilta`, ghax qieset it-talba kontra taghha preskritta, u sa fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda fil-konfront ta’ Philip Degiorgio, dik is-sentenza ghaddiet in gudikat peress illi ebda naha ma resqet appell u aggravju marbuta ma’ dawn il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti.

Din il-Qorti trid tirrimarka wkoll dwar in-nuqqas ta’ serjeta` li z-zewg partijiet, suppost it-tnejn negozjanti tal-esperjenza, urew fir-relazzjoni ta’ bejniethom. Il-kaz kien ikun wiehed semplici kieku l-partijiet irriducew it-trattazzjonijiet ta’ bejniethom ghall-kitba, izda minflok agixxew fuq il-kelma, bir-rizultat li holqu hafna tahwid li issa din il-Qorti trid tipprova ssolvi.

Minn ezami tax-xhieda jidher li l-pozizzjoni tal-konvenuti hi dghajfa. Hemm qbil li fl-1997 il-konvenut iffirma l-kambjala ghal sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) u l-konvenut jammetti li ha din is-somma b’self. Jirrizulta wkoll li din is-somma thallset lura f’xi zmien wara. Hemm prova li l-hlasijiet lura saru qabel Jannar tal-2001 meta giet iffirmata t-tieni kambjala ghal sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000). Mix-xhieda ta’ James Vella (hu l-konvenuta Marthese Degiorgio), ta’ Caroline Grech (mart l-attur) u ta’ Paul Galea u Sergio Manche` (impjegati mal-attur) johrog li saru hlasijiet lura tas-sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) qabel l-2001.

Fit-30 ta’ Jannar 2001, il-konvenut iffirma kambjala ohra ghal sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000). L-attur jghid li hu kien silef dawn il-flus lill-konvenut li kellu bzonn flus likwidi ghal zmien qasir. Il-konvenut jghid li mhux veru ssellef din is-somma, u ffirma din it-tieni kambjala in bjank ghax dik originali l-attur qallu li qattahielu huh, jew skont verzjoni ohra, ghax l-attur qallu li tilifha. Hawnhekk il-konvenut huwa ftit dghajjef. Mhux biss biddel il-verzjoni fiz-zewg okkazzjonijiet li xehed fuq il-materja (darba fil-proceduri intizi ghas-sospenzjoni tat-titolu ezekuttiv li ppretenda l-attur fuq il-kambjala u darba ohra f’dawn il-proceduri), izda wkoll ma tax spjegazzjoni ghaliex il-kambjala kienet in bjank, darba li, skont hu, din kienet biss sostituzzjoni ta’ dik precedenti. Lanqas ma jispjega ghaliex iffirma in bjank, meta nofs minuta kien ikun bizejjed biex jitnizzlu l-figuri, anke fi kliem. Il-konvenut ma jghidx li din it-tieni kambjala kellha tirraprezenta imghax (bl-uzura?) fuq l-ewwel self (fejn allura s-sitwazzjoni

kienet tkun differenti), izda jghid li kellha tissostitwixxi l-ewwel wahda, u dan meta kien car li ghall-ewwel kambjala saru zgur diversi pagamenti akkont jekk mhux ghas-saldu. Jista' jkun li din it-tieni kambjala tirraprezenta self ta' kapital piu` imghax bl-uzura, pero`, lanqas dan ma jallega l-konvenut. Il-konvenut jibqa jghid li nonostante li hallas lura s-sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), bl-imghax bl-uzura, xorta ffirma kambjala in bjank fl-2001 intiza bhala sostituzzjoni tal-ewwel kambjala suppost gia` mhallsa! Il-konvenut esebixxa kopji ta' cekkijiet li juru hlas li hu ghamel bejn is-snin 1997 u 1999 u allura ghalfejn iffirma kambjala ohra fl-2001 u in bjank?! Hu car li din it-tieni kambjala tirraprezenta negozju gdid bejn il-partijiet. Kif inhu risaput, kambjala hi fiha nfisha prova tal-kreditu, u l-attur ma kienx jehtieglu juri minn fejn gab il-flus; l-ezistenza tal-kambjala hija bizejjed prova.

L-ewwel Qorti li semghet il-provi tal-partijiet u kif qalet hi stess, "qieset il-kompartament tal-partijiet" waslet ghal konkluzjoni li l-kambjala ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) "kienet wahda valida", u din il-Qorti ma tarax li ghandha fuqhiex biex tvarja din il-konkluzjoni taghha.

Min-naha l-ohra, tara' li l-aggravji tal-attur appellant incidentalment jimmeritaw li jigu akkolti. Darba li l-kambjala ta' Jannar 2001 hija valida, m'ghandux mis-somma li tohrog mill-istess kambjala titnaqqas is-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) li thallsu qabel ma inharget din it-tieni kambjala. Din is-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000) tirraprezenta self precedenti,

mhallas u maghluq, u m'ghandux jinfluwenza self iehor rapprezentat bil-kambjala tat-30 ta' Jannar 2001.

Hekk ukoll, l-imghax ma ghandux jiddekorri mid-data tas-sentenza, ghax il-kawza ma kinitx timporta likwidazzjoni ta' kreditu; il-hlas ghandu jsir bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar 2001, data tal-iskandenza tal-istess kambjala. Hawn qed nitkellmu fuq dejn kummercjali fejn allura l-imghaxijiet jibdew jiddekorru *ipso iure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita (Artikolu 1141 tal-Kodici Civili). Il-konvenut Philip Degiorgio jiggestixxi lukanda u *restaurant*, u s-self riedu ghan-negozju, apparti l-fatt li hawn qed nitkellmu fuq kambjala li min-natura taghha stess hija att tal-kummerc.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuti Degiorgio billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tal-attur billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, fis-sens li thassar fejn ordnat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' ghoxrin elf, disa' mija, erbgha u sittin Euro (€20,964) bl-imghax mid-data tas-sentenza u minflok tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebgha u tletin elf, mitejn, disgha u sittin Euro u sebgha u disghin centezmi (€37,269.97) bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 2001, sal-pagament effettiv, u tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenut Philip Degiorgio, appellant principalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------